# Il-Kappelli Maltin: Ġawhra storika u wirt imprezzabbli ta' missirijietna.

**Artiklu ta' Joe Chetcuti**
**Deher fil-ġurnal *In-Nazzjon* tas-Sibt, 3 ta' Jannar tal-2009 f'paġna 13.**



**Min iħobb il-wirt nazzjonali ta' pajjiżna, speċjalment dak reliġjuż, ma jistax ma jidħolx fil-*website* www.kappellimaltin.com.**

**Din il-*website* tiġi aġġornata regolarment u fiha ssibu ħafna informazzjoni u ritratti sbieħ immens minn barra kif ukoll minn ġewwa ta' ħafna kappelli li hawn madwarna. Il-persuni wara dan il-proġett huma l-*webmaster* Noel Ciantar, Roderick Busuttil, Joe Brincat u Caroline Camenzuli li jagħmlu r-riċerka u jiġbdu ħafna ritratti li ssibu fuq din il-*website*.**

**S'issa hemm informazzjoni fuq iktar minn 70 kappella li hawn f'pajjiżna u dan in-numru dejjem qed jiżdied. Tista' tgħid li hemm informazzjoni fuq mill-anqas kappella waħda f'kull belt u raħal f'Malta kif ukoll f'Għawdex. L-għan ewlieni huwa li din il-*website* tkun aġġornata u tiżdied aktar informazzjoni fuq il-kappelli li hawn imxerrdin f'pajjiżna. Min għandu xi informazzjoni li jħoss li tista' tgħin f'dan il-proġett (ngħidu aħna xi ritratt antik ta' kif kienet il-kappella żmien ilu) jista' jikkuntattja lis-sid tal-website fuq (webmaster@kappellimaltin.com) biex tiġi inkluża wkoll.**

**Apparti l-informazzjoni u r-ritratti fuq il-kappelli, fil-*website* tistgħu ssibu informazzjoni oħra ta' interess fosthom il-paġni tal-glossarju, attivitajiet li jsiru fil-kappelli, informazzjoni fuq il-qaddisin li d-dediki għalihom jiżbqu lill-oħrajn, artikli miktubin minn nies intiżi fis-suġġett speċifikament għal dan is-sit u dik il-paġna tal-passatempi marbuta ma' dan is-suġġett. Se ssibu wkoll sezzjoni oħra dwar lista sħiħa tal-kappelli li hawn f'Malta u Għawdex imqassma skont il-belt jew raħal fejn jinstabu.**

**Ta' min jgħid li din hija unika għax tiġbor il-kappelli kollha li hawn fil-gżejjer tagħna.**

**Dan l-aħħar inbdiet kompetizzjoni ġdida fejn kull tant żmien jittella' ritratt ta' xi kappella. Min jaqta' lil min hija dedikata u fejn tinstab, jirbaħ premju. Min irid jipparteċipa jista' jipprova jagħraf ir-ritratt u jibgħat ir-risposta fuq webmaster@kappellimaltin.com.**

**Min forsi m'għandux aċċess għall-internet u hu interessat fil-kappelli, jista' jibda jisma' l-programm *Mat-Tokki tal-Qniepen Żgħar* li jixxandar fuq Radju Marija. Is-sensiela li kienet ixxandret is-sena li għaddiet u wara s-suċċess li din kisbet, issa qed terga' tiġi repetuta kull nhar ta' Ħadd fis-1:00 p.m. u l-Erbgħa bil-lejl fl-4:30 a.m.**

**F'kull programm tingħata informazzjoni fuq żewġ kappelli minn lokalitajiet differenti u jkun hemm intervisti ma' persuni esperti f'xi suġġett li għandu x'jaqsam mal-kappelli. Dawn jinkludu storiċi bħal Vincent Zammit, Tony Terribile u Guido Lanfranco, nies li jieħdu ħsieb il-kappelli anki għaqdiet non-governattivi li fil-passat għamlu xogħol ta' fejda b'risq il-kappelli. Ma jonqsux intervisti ma' nies esperti fil-qasam tal-istorja fosthom il-Prof. Stanley Fiorini u Prof. Mario Buhagiar, li lkoll kemm huma taw il-kontribut tagħhom biex jittella' dan il-programm b'mod mill-aktar professjonali. Il-programm għandu direzzjoni ta' Joe Brincat u Roderick Busuttil.**

**Dan il-proġett tal-*website* u l-programm jieħdu ħafna xogħol, imma dan qed isir mill-qalb għax l-għan huwa wieħed nobbli, dak li jitqajjem aktar interess f'dawn il-ġawhar li nsibu imdawwrin ma' kull rokna ta' gżiritna.**

**Dan l-aħħar sar ħafna restawr minn naħa tat-Taqsima tar-Restawr tal-Gvern, imma sfortunatament għad fadal kappelli bħal dawk tal-Viżitazzjoni ta' Wied Qirda f'Ħaż-Żebbuġ, tal-Lunzjata fuq is-Salib tal-Għolja, ta' San Mikiel is-Sanċir fir-Rabat u ta' San Pietru s-Sajjied f'Baħar iċ-Ċagħak li jinsabu fi stat diżastruż, b'periklu imminenti li jiġġarfu.**

---